TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Annabelle Abela

vs

Crosscraft Limited

CCT 189/21/MS

15 ta' Gunju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Novembru 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' erba mija u disgha u disghin Euro (€499.00), prezz ta' magna tal-hasil mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema magna zvillupat hsarat fil-perjodu tal-garanzija u kienet affetta minn difett mohbija.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u qalet illi l-magna kienet imkissra, kellha sinjali ta' hsara vizibbli, liema hsara ma kenitx konsegwenza ta' diffett fil-manifattura tal-prodotti jew latenti izda rizultat ta' daqqa illi saret meta l-magna kienet fil-pussess tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtrat magna tal-hasil *slim u silent* minghand is-socjeta' intimata f'Ottubru 2019 ghall-prezz ta' €499.00. F'Lulju 2021 il-magna giet installata u gimghatejn wara, fit-2 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrent ilmentat peress il-magna kienet qed tqattar l-ilma. Fl-24 ta' Awwissu 2021 gie *technician* u biddel il-pompa tal-ilma peress illi kienet imkissra, pero l-problema ppersistiet u t-tekniku rega' gie fl-1 ta' Settembru 2021 u wara li spezzjona l-magna sab li kien hemm toqba fit-tub. It-tekniku ha xi ritratti, liema ritratti kienu juru daqqa ('dent)' fil-magna, li r-rikorrent tghid li ma kenitx taf bid-daqqa. Ir-rikorrent qalet ukoll li l-magna li xtrat kienet reklamata bhala '*silent'* mentri din il-magna kienet taghmel hafna storbju. Ir-rikorrent tghid ukoll illi wara li l-magna kienet konsenjata mill-kumpanija ma ntuzatx sakemm giet installata mill-istess kumpanija kwazi sentejn wara u kienet baqghet sigillata matul dań il-perjodu.

Illi min-naha l-ohra, s-socjeta' intimata qieghda tghid illi l-prassi tal-kumpanija hija li taghti tlett xhur cans sabiex dak li jkun jispezzjona l-prodott, iktar u iktar f'kaz bhal dan meta l-magna ma tigix installata immedjatament. Kenneth Francica, rapprezentant tas-socjeta' intimata ighid li l-magna kellha daqqa fil-genb li kienet vizibbli u meta l-magna giet installata sena u ghaxar xhur wara, gimgha biss wara, ntbaghat technician fuq il-post li nnota qasma fuq il-pompa, liema qasma kienet ikkawzata mid-daqqa li tkun qalghet il-magna. Wara li nbiddlet il-pompa, ir-rikorrenti regghet cemplet fejn ilmentat fuq leak u t-tekniku rega' mar u kkonstata li t-transit bolts kienu imkissrin u kienet evidenti li l-magna hadet daqqa l-isfel. Ghalkemm kienet ilha sena u ghaxar xhur wieqfa ghand il-klijenta qabel ma giet installata, xorta offrew li jbiddlu t-tub minghajr spejjes ta' xejn u offrew ukoll li jzidu l-garanzija ghal sena ohra fuq il-*parts*, pero' r-rikorrenti ma acettatx din l-offerta.

Ikkunsidra

Ghal dawk li huma l-fatti principali tal-kaz, jirrizulta illi fit-2 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrenti xtrat magna tal-hasil, *toaster* u *converter plug* minghand is-socjeta intimata. Il-magna inxtrat ghal prezz ta' €499.00 (ara fattura Dok B) u giet installata sena u ghaxar xhur wara f'Lulju 2021. Il-magna intuzat l-ewwel darba f'Awwissu 2021 u gimghatejn wara r-rikorrenti ilmentat li kien qed iqattar l-ilma u fl-24 ta' Awwissu l-pompa giet mibdula. Jidher li l-problema ppersistiet u fl-1 ta' Settembru 2021 rega' gie t-tekniku fejn innota toqba/ hoffra fit-tub.

Illi filwaqt li r-rikorrenti qieghda targumenta illi dan huwa difett latenti u li l-magna ma kenitx tajba ghall-uzu li ghaliha kienet intenzjonata, s-socjeta' intimata qieghda tghid illi l-magna kienet ilha sena u ghaxar xhur fil-pussess tar-rikorrenti qabel ma giet installata u ghalhekk huma ma jistghux ikunu responsabbli, iktar u iktar meta jidher illi l-magna kellha daqqa fuq il-genb taghha. It-tekniku ha ritratt tad-daqqa u dan ir-ritratt intbghat lir-rikorrenti. Min-naha taghha r-rikorrent tghid lii ma kenitx taf b'din id-daqqa u saret taf biha biss wara li rat ir-ritratt.

Illi f'kazijiet bhal dawn, meta prodott jigi installat u uzat kwazi sentejn wara li tkun saret il-konsenja, fejn allura r-rikorrenti kienet fil-pussess tal-magna ghal kwazi sentejn shah, il-probabbilita' hija li d-daqqa ggarrbet f'dan il-perjodu u ghalhekk s-socjeta' intimata ghandha ragun targumenta illi ma tistax tkun responsabbli hi, iktar u iktar meta hawnhekk si tratta mhux ta' hsara latenti izda hsara li kienet ferm vizibbli. Mhuwiex skuza l-fatt li r-rikorrenti tghid illi ma kenitx taf bid-daqqa - *dent on outer cabinet* - hija hsara facilment vizibbli. Gialarba hi hadet pussess tal-magna, hi kienet responsabbli illi ticcekja l-magna mal-konsenja u setghet facilment tikkonstata l-istat tal-magna qabel ma ffirmat li kienet

ircevietha fi stat tajjeb, kif fil-fatt ghamlet. Kien jinkombi fuqha ghalhekk li ticcekja l-magna sew u mhux thalli l-magna wieqfa ghal sena u ghaxar xhur.

Ili huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li l-garanzija kummercjali moghtija lill-kumpratur hija ghall-vizzji jew difetti gravi mohbija u pre-ezistenti. Dawn id-difetti zgur ma jistghux jissejhu mohbija. Li kieku dawn id-difetti gew riskontrati mir-rikorrenti fi zmien gimgha jew anke ftit xhur wara l-konsenja, ir-rikorrenti kien ikollha ragun. Fil-fatt jidher li din hija ukoll l-prattika tal-kumpanija li jaghtu zmien tlett xhur sabiex dak li jkun jirraporta hsarat li huma vizibbli. Pero' f'dan il-kaz, it-trapass taz-zmien ma ighinx lir-rikorrenti fl-istanza taghha, u l-probabbilita' hija li dawn il-hsarat ggarrbu wara l-konsenja.

It-Tribunal jinnota illi l-kumpanija kienet lesta li terga' tbiddel l-pompa u d-drum ta' gewwa minghajr spejjes ta' xejn, pero' r-rikorrenti rrifjutat.

It-Tribunal jinnota wkoll illi hadd mill-partijiet ma gab evidenza fotografika ta' dawn il-hsarat u dan ma tantx ighin la naha u lanqas ohra. Pero, minkejja dan it Tribunal iqis li l-versjoni tal-kumpanijja intimata hi aktar verosimili u ma jistax iwarrab il-probabilita li r-rikorrenti trid tipprofitta ruha, aktar u aktar wara r-rifjut taghha tal-offerta tal-kumpanija intimata li tbiddel id-drum a spejjez taghha.

Illi ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad it-talba tar-rikrorenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru